**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali*

**2018/0247(COD)**

4.12.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)
(COM(2018)0465 – C8-0274/2018 – 2018/0247(COD))

Rapporteur għal opinjoni: David Borrelli

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-għanijiet ta' strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni huma distinti fis-sustanza mill-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, minħabba li dan l-istrument għandu l-għan li jipprepara lill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I għal sħubija futura fl-Unjoni u li jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni tagħhom. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jinżamm strument dedikat bħala appoġġ għat-tkabbir, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà tiegħu mal-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI – ***Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument***). | (2) L-għanijiet ta' strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni huma distinti fis-sustanza mill-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, minħabba li dan l-istrument għandu l-għan li jipprepara lill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I għal sħubija futura fl-Unjoni u li jappoġġa l-proċess ta' adeżjoni tagħhom. Għaldaqstant, huwa essenzjali li jinżamm strument dedikat bħala appoġġ għat-tkabbir, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà ***u l-konsistenza*** tiegħu mal-għanijiet ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni hija investiment fil-paċi, fis-sigurtà u fl-istabbiltà fl-Ewropa. Din tagħti aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali, għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal- | (5) Il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni hija investiment fil-paċi, fis-sigurtà u fl-istabbiltà fl-Ewropa. Din tagħti aktar opportunitajiet ekonomiċi u kummerċjali, għall-benefiċċju reċiproku tal-Unjoni u tal- |

| | |
|---|---|
| Istati Membri aspiranti. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jintroduċi bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali. | Istati Membri aspiranti ***filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' integrazzjoni asimmetrika u progressiva biex tiġi żgurata trasformazzjoni bla xkiel għall-ekonomiji fraġli tal-Istati Membri aspiranti***. Il-prospett ta' sħubija fl-Unjoni għandu effett trasformattiv qawwi, li jintroduċi bidla pożittiva demokratika, politika, ekonomika u soċjali. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll assistenza f'konformità mal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I. Jenħtieġ li l-assistenza tkun tiffoka l-aktar fuq l-għajnuna lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, biex jirriformaw l-amministrazzjoni ġudizzjarja u pubblika, biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni. Jenħtieġ ukoll li l-assistenza ssostni l-prinċipji u d-drittijiet ewlenin kif definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[16]. Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tappoġġa l-isforzi tagħhom biex javvanzaw fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE. Jenħtieġ ***ukoll*** li ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-governanza ekonomika tagħhom, filwaqt li tirfed aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp reġjonali, ta' agrikoltura u żvilupp rurali, soċjali u tal-impjiegi, u l-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, f'konformità | (7) Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll assistenza f'konformità mal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I. Jenħtieġ li l-assistenza tkun tiffoka l-aktar fuq l-għajnuna lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex isaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, biex jirriformaw l-amministrazzjoni ġudizzjarja u pubblika, biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tolleranza, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni. Jenħtieġ ukoll li l-assistenza ssostni l-prinċipji u d-drittijiet ewlenin kif definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[16]. Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tappoġġa l-isforzi tagħhom biex javvanzaw fil-kooperazzjoni reġjonali, makroreġjonali u transfruntiera kif ukoll fl-iżvilupp territorjali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE. Jenħtieġ ***li tippromwovi wkoll relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, rikonċiljazzjoni u kooperazzjoni reġjonali. Jenħtieġ*** li ssaħħaħ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-governanza ekonomika tagħhom***, trawwem l-integrazzjoni ekonomika mas-suq uniku tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni doganali, tippromwovi kummerċ miftuħ u ġust***, |

| | |
|---|---|
| wkoll mal-inizjattiva emblematika l-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent. | filwaqt li tirfed aġenda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp reġjonali, ta' agrikoltura u żvilupp rurali, soċjali u tal-impjiegi, u l-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, f'konformità wkoll mal-inizjattiva emblematika l-Aġenda Diġitali għall-Balkani tal-Punent. |
| [16] Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat solennement mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir li sar f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017. | [16] Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat solennement mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-Summit Soċjali għall-Impjiegi Ġusti u t-Tkabbir li sar f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Jenħtieġ li l-Unjoni tagħti appoġġ għat-tranżizzjoni lejn l-adeżjoni għall-benefiċċju tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Istati Membri tagħha. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fil-proċess tar-riforma. | (8) Jenħtieġ li l-Unjoni tagħti appoġġ għat-tranżizzjoni lejn l-adeżjoni għall-benefiċċju tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Istati Membri tagħha. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fil-proċess tar-riforma***, b'mod partikolari fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ekonomika u doganali u fuq l-azzjoni konġunta għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kuntrabandu, il-ħasil tal-flus u l-falsifikazzjoni***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(9a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkoraġġixxi l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I biex jikkooperaw mal-ħidma tal-Unjoni relatata mal-promozzjoni tal-multilateraliżmu u t-tisħiħ ulterjuri tas-sistema internazzjonali tal-kummerċ, inklużi r-riformi tad-WTO.***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) It-tisħiħ tal-istat ta' dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u l-governanza tajba, ***inkluża*** r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, ***għandhom*** sfidi ewlenin fil-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u huma essenzjali sabiex il-benefiċjarji jersqu eqreb lejn l-Unjoni u aktar tard biex jieħdu fuqhom b'mod sħiħ l-obbligi tas-sħubija fl-Unjoni. ***Minħabba li r-riformi mixtieqa f'dawk l-oqsma huma fit-tul u minħabba l-ħtieġa li jinbnew rekords ta' prestazzjoni, l-assistenza finanzjarja taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li tindirizza r-rekwiżiti imposti fuq il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I mill-aktar fis possibbli.*** | (11) It-tisħiħ tal-istat ta' dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni***, il-ħasil tal-flus*** u l-kriminalità organizzata, u l-governanza tajba, ***inklużi*** r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, ***l-indipendenza tal-ġudikatura, it-trasparenza, l-akkwist pubbliku, il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat, il-proprjetà intellettwali u l-investiment barrani għadhom*** sfidi ewlenin fil-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u huma essenzjali sabiex il-benefiċjarji jersqu eqreb lejn l-Unjoni u aktar tard biex jieħdu fuqhom b'mod sħiħ l-obbligi tas-sħubija fl-Unjoni. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) F'konformità mal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva, is-sorveljanza parlamentari ta' kull benefiċjarju elenkat fl-Anness I ***ta' min tiġi inkoraġġita*** mill-Kummissjoni. | (12) F'konformità mal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva, is-sorveljanza parlamentari ***u r-rwol proattiv tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess tal-adeżjoni mal-UE u f'konformità mal-kriterji tal-adeżjoni*** ta' kull benefiċjarju |

| | |
|---|---|
| | elenkat fl-Anness I ***jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti*** mill-Kummissjoni ***f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I hemm bżonn li jkunu ppreparati aħjar sabiex jindirizzaw l-isfidi dinjija, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawk il-kwistjonijiet. Biex jirrifletti l-importanza li t-tibdil fil-klima jiġi indirizzat konformi mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs – ***Sustainable Development Goals***), dan il-programm għandu jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira globali ta' 25 % tal-infiq baġitarju tal-UE li jappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu 16 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm favur objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan il-programm jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet u mill-proċessi ta' rieżami rilevanti. | (13) Il-benefiċjarji elenkati fl-Anness I hemm bżonn li jkunu ppreparati aħjar sabiex jindirizzaw l-isfidi dinjija, bħall-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, ***li jiġi segwit ordni globali bbażat fuq ir-regoli u l-valuri*** u li jallinjaw ruħhom mal-isforzi tal-Unjoni biex tindirizza dawk il-kwistjonijiet. Biex jirrifletti l-importanza li t-tibdil fil-klima jiġi indirizzat konformi mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), dan il-programm għandu jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira globali ta' 25 % tal-infiq baġitarju tal-UE li jappoġġa l-objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu 16 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tal-Programm favur objettivi klimatiċi. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u l-kontribuzzjoni kumplessiva minn dan il-programm jenħtieġ li tkun parti mill-evalwazzjonijiet u mill-proċessi ta' rieżami rilevanti. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(14a) L-azzjonijiet taħt dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll għall-aspetti relatati mal-kummerċ tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, bħall-Għajnuna għal inizjattivi Kummerċjali, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar id-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għal landa, tantalju u tungstenu, il-minerali tagħhom u deheb u l-Proċess ta' Kimberley, il-Patt dwar is-Sostenibbiltà, il-monitoraġġ tal-impenji ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament dwar l-SĠP biex tiġi żgurata koerenza politika fil-livell tal-UE u jiġu salvagwardjati u promossi ulterjorment ir-regoli u r-regolamenti tal-kummerċ f'qafas multilaterali;*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-prijoritajiet għall-azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet fl-oqsma ta' politika relevanti li se jiġu appoġġati taħt dan ir-regolament jenħtieġ li jiġu definiti f'qafas ta' programmazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027 fi sħubija mal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, fuq il-bażi tal-aġenda tat-tkabbir u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, f'konformità mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi ddefiniti minn dan ir-Regolament u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istrateġiji nazzjonali rilevanti. Jenħtieġ li l-qafas ta' programmazzjoni jidentifika l-oqsma li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-assistenza b'allokazzjoni indikattiva għal kull qasam ta' appoġġ, inkluż stima tan-nefqa relatata mal-klima. | (17) Il-prijoritajiet għall-azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet fl-oqsma ta' politika relevanti li se jiġu appoġġati taħt dan ir-regolament jenħtieġ li jiġu definiti f'qafas ta' programmazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew,*** għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-perjodu mill-2021 sal-2027 fi sħubija mal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, fuq il-bażi tal-aġenda tat-tkabbir u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, f'konformità mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi ddefiniti minn dan ir-Regolament u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istrateġiji nazzjonali rilevanti. Jenħtieġ li l-qafas ta' programmazzjoni jidentifika l-oqsma li għandhom jiġu appoġġati permezz tal-assistenza b'allokazzjoni indikattiva għal kull qasam ta' appoġġ, inkluż stima tan-nefqa relatata mal-klima. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tassisti l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I fl-isforzi tagħhom għar-riforma bil-ħsieb ta' sħubija fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-assistenza tiġi ġestita b'enfasi qawwija fuq ir-riżultati u b'inċentivi għal dawk li juru l-impenn tagħhom għar-riforma permezz tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-progress lejn l-ilħuq tal-kriterji tas-sħubija. | (18) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tassisti l-benefiċjarji elenkati fl-Anness I fl-isforzi tagħhom għar-riforma bil-ħsieb ta' sħubija fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-assistenza tiġi ġestita b'enfasi qawwija fuq ir-riżultati u b'inċentivi għal dawk li juru l-impenn tagħhom għar-riforma permezz tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-progress lejn l-ilħuq tal-kriterji tas-sħubija. ***Il-progress sostanzjali li sar mill-benefiċjarji fil-ftuħ tal-ambjent ekonomiku tagħhom skont it-Trattati tal-UE u l-Ftehimiet tad-WTO u fl-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet eżistenti mal-Unjoni jikkostitwixxi pass pożittiv bil-ħsieb ta' sħubija mal-Unjoni.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal ġestjoni indiretta mill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I jenħtieġ li tkun progressiva u li timxi mal-kapaċitajiet rispettivi ta' dawk il-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tagħmel użu mill-istrutturi u mill-istrumenti li wrew kemm huma ta' valur fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. | (19) It-tranżizzjoni minn ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tal-fondi ta' qabel l-adeżjoni għal ġestjoni indiretta mill-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I jenħtieġ li tkun progressiva u li timxi mal-kapaċitajiet rispettivi ta' dawk il-benefiċjarji. ***It-tranżizzjoni jenħtieġ li tiġi sospiża jekk il-fondi tal-UE jintużaw b'mod ineffiċjenti, u dan jirriżulta f'nuqqasijiet sinifikanti tal-obbligi rilevanti.*** Jenħtieġ li l-assistenza tkompli tagħmel użu mill-istrutturi u mill-istrumenti li wrew kemm huma ta' valur fil-proċess ta' qabel l-adeżjoni. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u programmi tal-Unjoni oħrajn. Dan jinkludi, fejn huwa rilevanti, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja. | (20) L-Unjoni jenħtieġ li tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli sabiex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dan jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kif ukoll permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u programmi tal-Unjoni oħrajn***, u ta' relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u l-benefiċjarji elenkati fl-Anness 1 b'mod partikolari***. Dan jinkludi, fejn huwa rilevanti, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) L-azzjonijiet esterni spiss jiġu implimentati f'ambjent volatili ħafna u jkun hemm bżonn adattament rapidu u kontinwu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għal sfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u l-migrazzjoni irregolari u l-għeruq tagħha. Li l-prinċipju tal-prevedibbiltà jiġi rikonċiljat mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda, għaldaqstant, jimplika li l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi tiġi adattata. Biex tiżdied l-abbiltà tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet imprevisti, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit annwalment, ir-Regolament jenħtieġ li jippreserva l-possibbiltà li jiġu applikati l-flessibilitajiet diġà permessi mir-Regolament Finanzjarju għal politiki | (26) L-azzjonijiet esterni spiss jiġu implimentati f'ambjent volatili ħafna u jkun hemm bżonn adattament rapidu u kontinwu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għal sfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, ***il-protezzjoniżmu*** u l-migrazzjoni irregolari u l-għeruq tagħha. Li l-prinċipju tal-prevedibbiltà jiġi rikonċiljat mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda, għaldaqstant, jimplika li l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi tiġi adattata. Biex tiżdied l-abbiltà tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet imprevisti, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit annwalment, ir-Regolament jenħtieġ li jippreserva l-possibbiltà li jiġu applikati l-flessibilitajiet diġà permessi |

| | |
|---|---|
| oħrajn, jiġifieri trasferimenti u impenji mill-ġdid ta' fondi impenjati, biex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, kemm għaċ-ċittadini tal-UE u għall-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, biex b'hekk jiġu massimizzati l-fondi tal-UE disponibbli għall-interventi ta' azzjoni esterna tal-UE. | mir-Regolament Finanzjarju għal politiki oħrajn, jiġifieri trasferimenti u impenji mill-ġdid ta' fondi impenjati, biex jiġi żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-UE, kemm għaċ-ċittadini tal-UE u għall-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, biex b'hekk jiġu massimizzati l-fondi tal-UE disponibbli għall-interventi ta' azzjoni esterna tal-UE. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għan ġenerali tal-IPA III għandu jkun li jappoġġa l-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn tali benefiċjarji biex jikkonformaw mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw irwieħhom mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb tas-sħubija mal-Unjoni, biex b'hekk jikkontribwixi għall-istabbiltà, għas-sigurtà u għall-prosperità tagħhom. | 1. L-għan ġenerali tal-IPA III għandu jkun li jappoġġa l-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn tali benefiċjarji biex jikkonformaw ***mal-acquis u*** mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw irwieħhom mar-regoli, mal-istandards, mal-politiki u mal-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb tas-sħubija mal-Unjoni, biex b'hekk ***jikkontribwixxi*** għall-istabbiltà, għas-sigurtà u għall-prosperità tagħhom. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) Li jsaħħaħ ***l-effettività*** tal-amministrazzjoni pubblika u li jappoġġa r-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha; | (b) Li jsaħħaħ ***l-effikaċja*** tal-amministrazzjoni pubblika***, jiżgura l-indipendenza tal-imħallfin, l-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali*** u li jappoġġa r-riformi strutturali u l-governanza tajba fil-livelli kollha***, inkluż fil-qasam tal-akkwist*** |

| | |
|---|---|
| | ***pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, il-kompetizzjoni, l-investiment barrani u l-proprjetà intellettwali***; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) Li jsawwar ir-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I biex jiġu pariġġ dawk tal-Unjoni, u biex isaħħaħ ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, kif ukoll il-kuntatti bejn il-persuni u l-komunikazzjoni; | (c) Li jsawwar ir-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I biex jiġu pariġġ dawk tal-Unjoni, ***kif ukoll bil-ħsieb li jibbenefikaw mill-istrumenti bilaterali ta' integrazzjoni ekonomika previsti mill-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,*** u biex isaħħaħ ir-rikonċiljazzjoni u r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, kif ukoll il-kuntatti bejn il-persuni u l-komunikazzjoni; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) Li jsaħħaħ l-iżvilupp ***ekonomiku*** u soċjali inkluż permezz ta' iktar konnettività u żvilupp reġjonali, ta' politiki ta' agrikoltura u żvilupp rurali, ta' politiki soċjali u tal-impjiegi, li jsaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent, li jżid ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li jiżviluppa l-ekonomija u s-soċjetà diġitali. | (d) Li jsaħħaħ l-iżvilupp ***u l-kooperazzjoni ekonomiċi*** u soċjali inkluż permezz ta' iktar konnettività u żvilupp reġjonali, ta' politiki ta' agrikoltura u żvilupp rurali, ***armonizzazzjoni ta' standards sanitarji u fitosanitarji u*** ta' politiki soċjali u tal-impjiegi, li jsaħħaħ il-ħarsien tal-ambjent, li jżid ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li jiżviluppa l-ekonomija u s-soċjetà diġitali. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) Li jappoġġa l-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera. | (e) Li jappoġġa l-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera***, inkluż tul il-fruntieri marittimi u li jsaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi billi jiġu implimentati bis-sħiħ il-ftehimiet eżistenti mal-Unjoni u jiġu miġġielda l-kuntrabandu u l-falsifikazzjoni***. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-qafas tal-politika tat-tkabbir iddefinit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, il-ftehimiet li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti mal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jew il-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rilevanti, għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika kumplessiv għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-qafas ta' politika tat-tkabbir u tal-assistenza. | 1. Il-qafas tal-politika tat-tkabbir iddefinit mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill, il-ftehimiet li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti mal-benefiċjarji mniżżlin fl-Anness I, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ***is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-gruppi ta' monitoraġġ, il-missjonijiet u d-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew,*** il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni jew il-Komunikazzjonijiet Konġunti tal-kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rilevanti, għandhom jikkostitwixxu l-qafas ta' politika kumplessiv għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza bejn il-qafas ta' politika tat-tkabbir u tal-assistenza. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-distribubuzzjoni bilanċjata, depolitiċizzata u nondiskriminatorja tal-fondi għandha tiġi żgurata mal-pajjiż kollu kif ukoll lejn il-livelli kollha tas-soċjetà;*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-assistenza bl-IPA III għandha tkun ibbażata fuq il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni. | 1. L-assistenza bl-IPA III għandha tkun ibbażata fuq il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3. Il-qafas ta' programmazzjoni tal-IPA għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni ***wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew*** għad-durata tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-assistenza għandha tiġi mmirata u aġġustata skont is-sitwazzjoni speċifika tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, filwaqt li ***jitqiesu l-isforzi*** ulterjuri ***meħtieġa*** biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sħubija kif ukoll il-kapaċitajiet ta' dawk il-benefiċjarji. L-assistenza għandha tiġi differenzjata fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-intensità skont il-ħtiġijiet, l-impenn għal riformi u l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-riformi. | L-assistenza għandha tiġi mmirata u aġġustata skont is-sitwazzjoni speċifika tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I, filwaqt li ***jitqies il-progress*** ulterjuri ***meħtieġ*** biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sħubija kif ukoll il-kapaċitajiet ta' dawk il-benefiċjarji. L-assistenza għandha tiġi differenzjata fil-kamp ta' applikazzjoni u fl-intensità skont il-ħtiġijiet, l-impenn għal riformi u l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-riformi***, filwaqt li titqies il-ħtieġa għall-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiċi sostenibbli, għal ambjent favorevoli għan-negozju u l-*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***investiment u għal konsolidazzjoni fiskali. Il-progress għandu jiġi mmonitorjat u evalwat regolarment mill-Kummissjoni.*** |
| | ***L-assistenza tal-Unjoni għandha tiġi sospiża jew parzjalment sospiża fil-każ ta' progress mhux sodisfaċenti li jkun sar biex jiġu ssodisfati objettivi speċifiċi kif deskritti fl-Artikolu 3 jew jekk il-benefiċjarju jonqos milli jirrispetta l-prinċipju tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jew jikser l-impenji li ħa fl-ambitu tal-ftehimiet rilevanti konklużi mal-Unjoni. Taħt l-istess kundizzjonijiet u fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha teżamina s-sospensjoni jew is-sospensjoni parzjali tal-assistenza tal-Unjoni u tirrapporta lura, filwaqt li tiġġustifika d-deċiżjoni.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja mill-qrib matul il-proċedura ġenerali tal-implimentazzjoni tal-proġetti permezz ta' mekkaniżmu solidu u konsistenti u tipprovdi analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tal-evalwazzjoni u ssegwi l-progress dwar l-objettivi stabbiliti, sabiex tiżgura aktar responsabbiltà u trasparenza, u ttejjeb il-mira għall-infiq taħt il-fondi. Il-Parlament Ewropew għandu s-setgħa li jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina każijiet speċifiċi meta l-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament ma tkunx ġiet segwita mill-benefiċjarji, u biex tieħu l-azzjonijiet meħtieġa, jekk ikun hemm elementi ġustifikati;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) It-twaqqif u l-promozzjoni sa minn stadju bikri tal-funzjonament korrett tal-istituzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jistabbilixxu sistemi ġudizzjarji indipendenti, responsabbli u effiċjenti, inkluż reklutaġġ trasparenti u bbażat fuq il-mertu u jippromwovu kooperazzjoni ġudizzjarja, sistemi ta' evalwazzjoni u promozzjoni u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każijiet ta' għemil ħażin; jiżguraw it-twaqqif ta' sistemi robusti ta' protezzjoni tal-fruntieri, ***jimmaniġjaw*** il-flussi migratorji u jipprovdu ażil għal dawk fil-bżonn; jiżviluppaw strumenti effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu u l-korruzzjoni; jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom kif ukoll persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali, u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-protezzjoni tad-data. | (a) It-twaqqif u l-promozzjoni sa minn stadju bikri tal-funzjonament korrett tal-istituzzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-istat tad-dritt. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: ***ikun hemm separazzjoni tas-setgħat,*** jistabbilixxu sistemi ġudizzjarji indipendenti, responsabbli u effiċjenti, inkluż reklutaġġ trasparenti u bbażat fuq il-mertu u jippromwovu kooperazzjoni ġudizzjarja, sistemi ta' evalwazzjoni u promozzjoni u proċeduri dixxiplinari effettivi f'każijiet ta' għemil ħażin; jiżguraw it-twaqqif ta' sistemi robusti ta' protezzjoni tal-fruntieri, ***jimmaniġġjaw*** il-flussi migratorji u jipprovdu ażil għal dawk fil-bżonn; jiżviluppaw strumenti effettivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu u l-korruzzjoni; jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, inklużi r-Rom kif ukoll persuni lesbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali, u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni***, il-libertà tal-espressjoni*** u l-protezzjoni tad-data. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) It-tisħiħ tal-governanza ekonomika: L-interventi għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fil-proċess tal-programm ta' riforma ekonomika (ERP – ***economic reform process***) u l-kooperazzjoni sistematika mal- | (c) It-tisħiħ tal-governanza ekonomika: L-interventi għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fil-proċess tal-programm ta' riforma ekonomika (ERP) u l-kooperazzjoni sistematika mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali |

| | |
|---|---|
| istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rigward il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika. It-titjib tal-kapaċità ta' tisħiħ tal-istabbiltà makroekonomika u l-appoġġ tal-progress ***ta'*** żvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona bil-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjonijiet ***kompettitivi*** u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni. | rigward il-prinċipji fundamentali tal-politika ekonomika. It-titjib tal-kapaċità ta' tisħiħ tal-istabbiltà makroekonomika u l-appoġġ tal-progress ***lejn żvilupp sostenibbli u*** żvilupp ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona bil-kapaċità li tlaħħaq mal-pressjonijiet ***kompetittivi*** u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) It-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jindirizzaw il-qgħad u l-inattività għoljin billi jappoġġaw l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari taż-żgħażagħ (speċjalment dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul u l-gruppi kollha li huma l-inqas rappreżentati. Il-miżuri għandhom jistimulaw il-ħolqien ***tal-impjiegi*** u ***japoġġaw*** l-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards tax-xogħol fit-territorju kollu. Oqsma oħrajn ta' intervent għandhom ikunu l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-produttività, l-adattament tal-ħaddiema u l-intrapriżi għall-bidla, it-twaqqif ta' djalogu soċjali sostenibbli u l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-ispettorati tax-xogħol. | (h) It-trawwim ta' impjiegi ta' kwalità u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. L-interventi f'dan il-qasam għandu jkollhom l-għan li: jindirizzaw il-qgħad u l-inattività għoljin billi jappoġġaw l-integrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari taż-żgħażagħ (speċjalment dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), in-nisa, il-persuni qiegħda fit-tul u l-gruppi kollha li huma l-inqas rappreżentati. Il-miżuri għandhom jistimulaw il-ħolqien ***ta' impjiegi ta' kwalità*** u ***jappoġġaw*** l-infurzar effettiv tar-regoli u l-istandards tax-xogħol ***u negozjar kollettiv ibbażat fuq l-istandards tax-xogħol tal-ILO*** fit-territorju kollu. Oqsma oħrajn ta' intervent għandhom ikunu l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-promozzjoni tal-impjegabbiltà u l-produttività, l-adattament tal-ħaddiema u l-intrapriżi għall-bidla, it-twaqqif ta' djalogu soċjali sostenibbli u l-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol bħas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-ispettorati tax-xogħol. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – paragrafu 1 – punt k**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (k) It-titjib tal-ambjent tas-settur privat u l-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala muturi ewlenin għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni. Għandha tingħata prijorità għal proġetti li jtejbu l-ambjent tan-negozju. | (k) It-titjib tal-ambjent tas-settur privat u l-kompetittività tal-intrapriżi, ***b'mod partikolari l-SMEs,*** inkluż l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala muturi ewlenin għat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni. Għandha tingħata prijorità għal proġetti ***sostenibbli*** li jtejbu l-ambjent tan-negozju. |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Anness III – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(da) il-promozzjoni tat-tneħħija ta' ostakoli żejda għall-kummerċ, inklużi ostakli burokratiċi, tariffi u ostakli nontariffarji;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-lista' ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandha tintuża biex tgħin biex jitkejjel il-kontribut tal-Unjoni għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi tagħha: | Il-lista' ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandha tintuża biex tgħin biex jitkejjel il-kontribut tal-Unjoni għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi tagħha ***u l-progress li sar mill-benefiċjarji***: |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***10a. Rikonċiljazzjoni, relazzjonijiet*** |

*tajbin ta' viċinat u obbligi internazzjonali.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) |
| **Referenzi** | COM(2018)0465 – C8-0274/2018 – 2018/0247(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>2.7.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>2.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | David Borrelli<br>9.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 5.11.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 2<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | David Borrelli, David Campbell Bannerman, Santiago Fisas Ayxelà, Eleonora Forenza, Karoline Graswander-Hainz, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Nadja Hirsch, France Jamet, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Emmanuel Maurel, Anne-Marie Mineur, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Joachim Schuster, Adam Szejnfeld, Iuliu Winkler |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Reimer Böge, Klaus Buchner, Sajjad Karim, Ralph Packet, Pedro Silva Pereira, Jarosław Wałęsa |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Birgit Collin-Langen, Jonás Fernández, Gabriel Mato, Alojz Peterle, Kosma Złotowski |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 27 | + |
|---|---|
| ALDE | Nadja Hirsch |
| ECR | David Campbell Bannerman, Sajjad Karim, Ralph Packet, Kosma Złotowski |
| GUE/NGL | Eleonora Forenza, Emmanuel Maurel |
| NI | David Borrelli |
| PPE | Reimer Böge, Birgit Collin-Langen, Santiago Fisas Ayxelà, Christophe Hansen, Gabriel Mato, Alojz Peterle, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Tokia Saïfi, Adam Szejnfeld, Jarosław Wałęsa, Iuliu Winkler |
| S&D | Jonás Fernández, Karoline Graswander-Hainz, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira |

| 2 | - |
|---|---|
| ENF | France Jamet |
| GUE/NGL | Anne-Marie Mineur |

| 2 | 0 |
|---|---|
| VERTS/ALE | Klaus Buchner, Heidi Hautala |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni